TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Nru. 26/06

* **Il- laqgħa Nru 26/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Jannar 2011 fis-5.55pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** — Data u hin

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ | Sindku |
| Is-Sur F. Agius | Viċi Sindku |
| Is- Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsilliera |
| Is-Sur K. Darmanin | Kunsillier |
| Is-Sinj. C. Lanzon | Kunsilliera |
| Is-Sur I. Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur M. L. Mallia | Segr. Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 25/06 (15/12/2010)*

1.1 Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 25/06 tal-15 ta' Diċembru 2010 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

1.2 Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 *Kommunikazzjoni mis-Sindku*

2.1 Is-Sindku qal li jidher li kien effettiv l-apparat li waħħalna fi Ġnien Ovindoli. Gnien Oindoli

2.2 Il-GreenPak ser iqassmu t-tieni lot ta' boroż ħodor fid-djar tal-lokalita'. GreenPak

2.3 Is-Sindku qal li l-attivita' għal żmien il-Milied, Malta International Folk Festival saret u kienet suċċess. M.I. F.F

2.4 Dwar ir-*Reduced Hours*, is-Sindku lmenta li s-sitwazzjoni fil-*front office* qed iddejjqu. Kompla jgħid li ma jistax jaqbad tarf min ikun imissu jattendi mill-iskrivani: xi drabi jkun hemm waħda u xi drabi jkunu t-tlieta. *Reduced Hours*

2.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed timtela' formola ta' *"roster"* għal kull ġimgħa.

2.4.2 Is-Sindku qal li dawn l-aħħar ġimgħatejn Josianne Grech reġgħet ma ġietx minħabba problema ta' saħħa. Qal li dan qed jinvolvi l-Kunsill f'telf finanzjarju minħabba li qed ikollu jħallas *overtime* lill-iskrivani l-oħra għal xogħol addizzjonali ta' sostituzzjoni.

2.4.3 Is-Sur Lawrence Bonavia ikkoreġġa li l-Kunsill m'għandux iħallas *overtime* imma r-rata fissa għal kull siegħa minħabba li waħda tinsab fuq *reduced hours* u l-oħra *part-timer*.

2.4.4 Is-Sindku qal, u l-Kunsill qabel nem. con., li f'każ li sa l-aħħar ta' Marzu s-sitwazzjoni ma tirrisolviex ruħha iwaqqaf il-konċesjonijiet mogħtija u l-Kunsill jiddeċiedi mod ieħor.

2.4.5 Sar dibattitu ukoll dwar kif għandhom jinħarġu ċ-ċertifikati tal-mard u li ċ-ċertifikat għandu jkun iffirmat mit-tabib jew speċjalista li jkun eżamina l-pazjent/impjegat.

**2.5** Dwar it-terminazzjoni tas-servizz tas-sur Maurice L. Mallia bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sindku qal li għad m'għandu xejn definit mid-DGL min ser ikun l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għalkemm kien irrakkomanda lis-Sinj. Marisa Pisani, Seg. Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex. Tmien is-Servizz tas-Segretarju Eżekuttiv

2.5.1 Is-Sur Maurice L.Mallia talab lill-Kunsill jaċċerta li sa laqgħa oħra ta' Frar jattendi Aġent Segr. Eżekuttiv biex ikun jista' jirreġistra l-minuti li għandhom, wara, jkunu iffirmati mill-istess Aġent Seg. Eżekkuttiv. Dan minħabba li wara l-25 ta' Frar is-Sur M.L. Mallia mhux ser jattendi iżjed l-uffiċċju bħala Seg. Eżekuttiv. Ittra f'dan ir-rigward ġiet iċċirkolata lill-Kunsilliera kollha fit-28 ta' Diċembru 2010

2.5.2 Is-Sindku irrimarka li hawn diversi Kunsilli Lokali li qed jaħdmu b'Aġent Segretarju Eżekuttiv, imma għal xi raġuni dan il-Kunsill għad ma ġiex provdut b'Aġent Segretarju Eżekuttiv sakemm jiġi appuntat Segr. Eżekuttiv ieħor.

2.5.3 Is-Sindku spiċċa jgħid li, f'każ li ma jattendiex Aġent Seg. Eżekuttiv sad-data li s-Seg. Eżekuttiv preżenti jtemm is-servizz tiegħu, hu jagħlaq l-uffiċċju tal-Kunsill.

2.5.4 Is-Sur Maurice L. Mallia qal li ser jibqa' jagħti fedelment is-servizz tiegħu sal-aħħar ġurnata li jibqa' fil-kariga.

2.5.5 Qal li diġa pprepara l-*Budget*, il-*Financial Quarterly Report* Ottubru – Diċembru 2010, Rapport għal-laqgħa pubblika, u qed jaħdem fuq il-*Financial Statements*. Fil-fatt nhar it-Tnejn għandhom jiġu l-*Accountants* u fid-9 ta' Frar għandhom jiġu l-Awdituri

**2.6** Dwar il-permessi mingħand Transport Malta għall-proġett ta' Triq Birbixkilla għad ma rċevejna ebda risposta qal is-Sindku Triq Birbixkilla

2.6.1 Kompla jgħid li l-Awtorita' Transport Malta hi waħda mill-agħar li hawn fil-pajjiż.

2.6.2 Is-Sindku qal ukoll li filwaqt li Transport Malta tisisti li jiżdied l-ispazju għall-parkeġġ fiċ-ċentru tar-raħal, min-naħa l-oħra is-Segretarju Parlamentari għat-turiżmu Dr. M. Demarco jitlob biex il-parkeġġ jitnaqqas u jiżdiedu *Pedestrian Zones.*

2.6.3 Żied jgħid li l-MEPA ħarġet sistema ta' *Deadlines* biex fi żmien 6 ġimgħat jgħaddu mill-proċess l-applikazzjonijiet ta' proġetti mill-Kunsilli Lokali. Madankollu issib xi entita' speċjalment it TM li żżomm il-proċess minħabba ineffiċjenza.

2.6.4 Is-Sindku qal li f'każ li Transport Malta ma toħroġx il-permessi, xorta waħda ser jibda x-xogħol.

**2.7** Is-Sindku qal li l-WSC talbuna niffirmaw kuntratt biex il-Kunsill iħallas għal-bdil tas-servizzi tal-ilma fi Triq Birbixkilla ladarba dan hu proġett tal-Kunsill u l-bdil tas-servizzi mhux proġettat mill-WSC. WSC

2.7.1 L-ispejjeż involuti huma €592.

2.7.2 Is-Sindku qal ukoll li s-Segretarju Eżek. bgħat ifakkar lill-WSC li l-Kunsill għandu ftehim mal-WSC li l-korporazzjoni tħallas "*in kind*" mill-flus pendenti li l-WSC għandha tagħti lill-Kunsill għal "*reinstatemen*t" ta' toroq skont il-kuntratt iffirmat bejn iż-żewġ partijiet.

2.7.2.1 Il-Ftehim imsemmi sar mac-Chairman il-Perit M. Falzon fis-sena 2002. Jirriżulta li minn dan il-ftehim il-WSC għad baqgħalha tagħti lill-Kunsill l-ammont a' €14,000.

2.7.3 Is-Sindku qal li għandu f'moħħu li s-sistema li ser jaqbdu l-WSC bħal il-każ ta' Triq Birbixkilla (Ara 2.7) ser jaddottawha għal "*resufacing*" ta' toroq li ser isiru permezz tal-iskema PPP li l-Gvern qed jgħid li l-flus għal din l-iskema ser jingħataw biss għal xogħol ta' "*resurfacing*".

**2.8** Dwar ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq Brittanika, is-Sindku qal li wara diversi tentattivi u rapporti, il-WSC sewwew il-*mains* li nstabu jnixxu l-ilma meta nqala' l-wiċċ tal-bankina. Bankina Triq Brittanika

2.8.1 Kompla jgħid li tlabna lill-MEPA għal estenzjoni tal-permessi. Sadanittant il-bankina dalwaqt tkun lesta.

**2.9** Dwar l-applikazzjoni għat-tisbiħ ta' xelter lill-MEUSAC is-Sindku qal li għad ma rċevejna xejn, imma għandu nformazzjoni li din qed tiġi proċessata. Tisbiħ ta' Xelter

**2.10** Minħabba li bqajna ma rċevejna ebda tweġiba mingħand is-Sur M. Stivala dwar xogħol minn ħaddiema IPSL, u s-Sindku qal li erġajna fakkarnih. IPSL

*(Is- Sur I. Dalli irtira mil-laqgħa fis-6.45 pm)*

**2.11** Is-Sindku qara r-risposta li rċevejna mingħand is-Sur Desmond Mizzi dwar il-każ tat-*turf* tal-*ground 5-A side*. *Ground 5–A Side*

2.11.1 Il-proposti tas-Sur Mizzi huma li l-kumpanija tiegħu tħallas 25% tal-ispiża biex jinbidel it-*turf* sakemm il-kaz jiġi riżolt.

2.11.2 Dan ifisser li l-kumitat tal-ground, (li l-kunsill għandu l-maġġoranza tal-ishma u huwa responsabbli minnu), ikollu jħallas għad-differenza ta' 75%. It-*turf* eżistenti jiġi depożitat fil-qorti.

2.11.3 Il-Kunsill hu tal-fehma li hu jaf lill-kumpanija tas-Sur D. Mizzi li ssupplixxiet it-*turf* u mhux il-kumpanija Taljana. Allura mhux kompitu tal-Kunsill li jfittex lill-kumpanija Taljana.

2.11.4 Barra minn hekk il-Kunsill, li qed jirrapreżenta ukoll lill-kumitat tal-grawnd, ma jistax joħroġ flus biex jibdel it-*turf* minħabba raġunijiet loġistiċi u regolamenti finanzjarji.

2.11.5 Is-Sur L.Bonavia issuġġerixxa li nitolbu parir legali.

**2.12** Għal ftuħ tal-offerti Resurfacing PPP, il-kumitat Ad Hoc ser ikun magħmul mis-Sindku, Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. L-offerti ser jinfetħu fil-31 ta' Jannar 2011 f'nofsinhar PPP

**2.13** Dwar il-manhole li l-WSC riedet tagħmel fi Ġnien Ovindoli, is-Sindku qal li ma sar xejn minnhom. Minn naħa l-oħra il-Kunsill għamel tilar galvanizzat miksi b'*hard stone* pariġġ il-pavimentar. L-Ispejjeż involuti intbgħatu lill-WSC. Ġnien Ovindoli

**2.14** Il-*Preliminary Budget* ippreparat mill-Perit Chris Mintoff għat-tisbiħ ta' Sqaq Sta. Marija jammonta għal €24,245. Sqaq Santa Marija

**2.15** Is-Sindku qal li l-kotba li ingħataw mill-AKL huma dwar l-Unjoni Ewropea. Qal li ser jallokka sezzjoni fil-librerija għal kotba dwar l-Unjoni Ewropea. Kotba mil-AKL

**2.16** Intbgħatet lit-Transport Malta il-proposta għal T*raffic Management* ġdid fi Triq il-Knisja/ Triq Żejtun. Traffic Management

**2.17** M.Quip Co. Ltd. ġew infurmati li l-kuntratt *"Embelishment of Various Lanes & Open Space*s TLC 219/2010/T101 – ġie estiż għal sena oħra. M.Quip Co Ltd.

**2.18** Is-Sindku qal li għandna talba minn resident biex isir apparat li fuqu jista' jsir eżerċizju fiżiku fil-bandli Triq Sta. Marija u fi Ġnien Joanne. Apparat tal-eżerċizju

2.18.1 Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsiru fi Ġnien Joanne imma fil-bandli Triq Sta. Marija mhux addattat għaliex dan il-post hu għall-użu ta' tfal żgħar.

**2.19** Il-Kunsill qabel nem. con. mar-rapport ippreparat mill Viċi Sindku għat-talba ta' devoluzzjoni ta' sit fi Triq Napuljun Caruana Dingli (App.1) Devoluzzjoni

**2.20** Is-Sindku irrifera għall-ispazju vojt ta' madwar il-*Housing Estate* ta' Triq Luqa filwaqt li ressaq proposta biex jiġi msebbaħ dan l-ispazju u jsir ukoll parkeġġ għall-vetturi. Proġett H.E. Luqa

2.20.1 Il-Kunsill qabel nem. con. mal-proposta tas-Sindku u li tintalab id-devoluzzjoni tal-art biex ikun jista' jsir il-proġett.

2.20.2 Ser issir applikazzjoni lill-Awtorita' tad-djar għall-iskema "Riġenerazzjoni" f'oqsma tal-binjiet tal-gvern għall-istess skop.

**2.21** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien miegħu ser jattendi is-Seg. Eżekuttiv għal laqgħa mas-Seg. Parlamentari Dr. Jason Azzopardi biex jiġu diskussi proġetti tal-Kunsill: Laqgħa

- Żona ta' parkeġġ u tisbiħ tal-ispazju ħdejn il-Housing Estate ta' Triq Luqa;
- tisbiħ ta' xelter u
- d-devoluzzjoni ta' sit fi Triq Napuljun Caruana Dingli.

**2.22** Is-Sur L. Bonavia issuġerixxa li nipproġettaw *parking* organizzat fi pjazza Agatha Barbara biex innaqqsu l-problema ta' parkeġġ fiċ-ċentru tar-raħal. Is-Sindku qal li dan is-suġġeriment hu eżatt kif kien issuġġerixxa hu. Parkeġġ Organizzat

**2.23** Is-Sindku qara stedina mingħand is-Sindku ta' Godeni, Rumanija , biex tintbgħat delegazzjoni ta 10 persuni Tarxiniżi għal attivita' ta' Ġemellaġġ li ser issir fis-26 t'April li ġej. Godeni, rumanija

2.23.1 Kompla jgħid li l-Muniċipalita' ta' Godeni ser tħallas għal kollox minbarra l-ispejjż tat-titjira.

2.23.2 Is-Sindku qal li ser jistaqsi x'tip ta' persuni jridu biex jipparteċipaw.

2.23.3 Il-Kunsill qabel nem.con fil-prinċipju.

*(Is-Sur K. Darmanin irtira mil-laqgħa fis-7.20 pm)*

**2.24** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill għall-attivita EPOKA li ser issir bejn is-16 u t-18 ta' Settembru 2011 ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €7,000 EPOKA

2.24.1 Is-Sindku qal li din l-attivita' ser tkun f'idejn il-Kunsill li ser jinvolvi l-għaqdiet kollha tar-raħal.

2.24.2 Hu insista li l-Kunsillieri kollha huma mitluba li jagħtu sehemhom.

## 3.0 *Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti dovuti għal servizzi u materjal, li tammonta għal €18,761.07 li ġiet iffirmata mis-Sindku.

3.1.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-Seg. Eżekuttiv wieġeb li saru l-pagamenti approvati fil-laqgħa preċedenti minbarra dawk indikati.

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas lis-Seg. Eżekuttiv minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill l-ammont ta' €23.20

## 4.0 *Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Ottubru – Diċemru 2010)*

4.1 Il-Kunsill approva nem. con. ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għax-xahar Ottubru – Diċembru 2010 li ġie iffirmat mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

4.2 Dan ir-rapport ser jintbgħat lid-DGL u lill-NSO (App. 3)

## 5.0 *Aġġudikar tal-offerti – "Construction & Maintenance of Pavements" TLC 242/2010/T113*

5.1 Is-Sindku irrefera għar-rapport li bgħat il-Perit Chris Mintoff dwar l-aġġudikar tal-offerti sottomessi minn 5 kuntratturi fid-29 ta' Diċembru 2010.

5.2 Il-lista tar-rati sottomessi ġiet iċċirkolata minn qabel lill-Kunsillieri kollha u lill-Perit (App 4)

5.3 Fir-rapport tiegħu l-perit spjega li l-iżjed offerti vantaġjużi huma dawk sottomessi minn kuntrattur Nr.2 (Vella Group Ltd) u kuntrattur Nr.4 (Mangion Bros.)

5.4 Imma, Vella Group bgħatu email, wara li nfetħu l-offerti u s-Seg. Eżekuttiv bgħat il-lista tar-rati lill-Biddersi kollha, biex jikkoreġu żball tar-rati tal-concrete li kkwotawh kull metru kwadru minflok kull metru kubu.

5.5 Din il-korezzjoni ma tistax issir ladarba l-offerti saru pubbliċi. Dan ikkonfermah il-Perit ukoll wara li ndaga mad-Dipartiment tal-Kuntratti.

5.6 Għaldaqstant l-offerta tal-kuntratturi Nru. 4 (Mangion Bros) tikkwalifika bħala l-iżjed offerta vantaġġjuża.

5.7 Il-Kunsill qabel unanimament li l-iżjed offerta vantaġġjuża hi dik sottomessa minn Mangion Bros. skont ir-rati tal-offerta.

## 6.0 *Laqgħa pubblika tal-Lokalita'*

**6.1** Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa pubblika tal-lokalita' issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar 2011 fiċ-Ċentru Komunitarju fis-6.30 pm.

*(Is-Sur L. Bonavia irtira mil-laqgħa fis-7.35 pm)*

## 7.0 *Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

### 7.1 ***Is-Sur F. Agius – Viċi Sindku***

Il-Viċi Sindku is-Sur. F. Agius qal li l-lezzjonijiet tal-qari għat-tfal bdew; erġajna ħriġna avviż fil-knejjes għal min hu nteressat

Qal li beda l-kuntatti u preparamenti għall-attivita "EPOKA"

### 7.2 ***Is-Sinj. C. Lanzon***

Qalet li qed tippjana attivita' fejn tinvolvi l-familja kollha, bħal Sports Day, li għaliha qed jgħinha is-Sur K. Darmanin u s-Sindku offra li tista' tuża l-grawnd.

### 7.3 ***Is-Sur K. Darmanin***

F'isem il-Kunsillier K. Darmanin, is-Sindku qali li fil-21 ta' Frar ser issir laqgħa tan-*Neighbourhood Watch* għaż-**Żona 12**:

- Triq il-Fieres,
- Triq Dun Ġwann Mamo,
- Triq L-Arkata Normanna,
- Triq il-Qalgħa u
- Triq Alfier De Medran.

Qal ukoll li s'issa daħlu 6 nominazzjonijiet għall-Premju Żagħżugħ Tarxiniż u 4 għall-bord tal-għażla.

Ingħata rendikont tat-Tournament.

### 7.4 ***Is- Sinj. D. Vella***

Tat rendikont tal-attivita' tat-tfal tal-11 ta' Diċembru 2010. Qalet li l-laqgħa mal-President tar-Repubblika ser issir fis-26 ta' Jannar.
Semmiet li l-ħanut li kien jagħtiha ħwejjeġ biex tqassamhom ghalaq.
Ingħatat TV qdim tal-kulur li tagħtu lill-familja fil-bżonn.

7.5 ***Is-Sindku Kav. P. Farrugia***

Is-Sindku ta rendikont għall-attivita' ta' l-Anzjani li saret fid-Danish Village kif ukoll tal-Premju Anzjan Tarxiniż.
Qal li l-attivitajiet ippjanati għall-futur huma dawn:

- 15 ta' Frar – Breakfast
- 22 ta' Marzu – Coffee Morning
- 19 t'April – Coffee Morning
- 10 ta' Mejju – Ikla Mothers' Day

## 8.0 ***Ħwejjeġ oħra***

Ma kienx hemm rapporti

## 9.0 ***Għeluq tal-Laqgħa***

**9.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-7.50pm.

**9.2** Laqgħa oħra ser tkun nhar ……………………….

**M. L. Mallia**
**Seg. Eżek.**
19/01/2011

**Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**